

Konvenuta: Staatssecretaris van Economische Zaken

### Dispożittiv

L-Artikoli 70 sa 72 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ dirett għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid, moqrija flimkien mal-Artikoli 23 u 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, fejn ġew ikkonstatati diversi każijiet ta' nuqqas ta' konformità fi ħdan l-istess qasam, għandhom jiġu aggregati flimkien, minn naħa, it-tnaqqis tal-ammont totali ta' pagamenti diretti mogħtija jew li ser jingħataw applikabbli għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità dovuti għal negliġenza, u, min-naħa l-oħra, it-tnaqqis applikabbli għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, peress li l-ammont totali ta' tnaqqis għal sena kalendarja għandu jiġi ffixsat b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità u mingħajr ma jinqabeż l-ammont totali msemmi fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament Nru 73/2009.

(<sup>1</sup>) ĠU C 78, 13.3.2017.

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-7 ta' Ġunju 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – il-Belġju) – Inter-Environnement Bruxelles ASBL et vs Région de Bruxelles-Capitale

(Kawża C-671/16) (<sup>1</sup>)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ambjent — Direttiva 2001/42/KE — Artikolu 2(a) — Kunċett ta' "pjanijiet u programmi" — Artikolu 3 — Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent — Regolament reġjonali dwar l-ippjanar urbanistiku għad-distrett Ewropew ta' Brussell (il-Belġju))

(2018/C 268/07)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Inter-Environnement Bruxelles ASBL, Groupe d'Animation du Quartier Européen de la Ville de Bruxelles ASBL, Association du Quartier Léopold ASBL, Brusselse Raad voor het Leefmilieu ASBL, Pierre Picard, David Weytsman

Konvenut: Région de Bruxelles-Capitale

### Dispożittiv

L-Artikolu 2(a), l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent, għandhom jiġu interpretati fis-sens li regolament reġjonali dwar l-ippjanar urbanistiku, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jiffissa ċerti rekwiżiti għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' proprjetà immobbli, jaqa' taħt il-kunċett ta' "pjanijiet u programmi" li jistgħu jkollhom effetti kunsiderevoli fuq l-ambjent, fis-sens ta' din id-direttiva, u, għaldaqstant, għandu jkun suġġett għal evalwazzjoni tal-effetti ambjentali.

(<sup>1</sup>) ĠU C 78, 13.3.2017.